

*fil-preżenza ta':* Comitato Spontaneo Produttori Latte (COSPLAT), Società Agricola Galleana — Società semplice, VS *et*

### Dispożittiv

It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3950/92 tat-28 ta' Diċembru 1992 li jistabbilixxi taxa addizzjonali fuq il-ħalib u l-prodotti tal-ħalib, kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1256/1999 tas-17 ta' Mejju 1999, għandu jiġi interpretat fis-sens li, meta Stat Membru jiddeċiedi li jwettaq allokazzjoni mill-ġdid tal-kwantitajiet ta' referenza mhux użati, din l-allokazzjoni mill-ġdid għandha ssir, bejn il-produtturi li jkunu eċċedew il-kwantitajiet ta' referenza tagħhom, proporzjonalment għall-kwantitajiet ta' referenza ta' kull wiehied minn dawn il-produtturi

---

(<sup>1</sup>) ĠU C 394, 20.8.2018.

---

### Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tas-26 ta' Ġunju 2019 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Višje sodišče v Mariboru — Is-Slovenja) — Aleš Kuhar, Jožef Kuhar vs Addiko Bank d.d.

(Kawża C-407/18) (<sup>1</sup>)

*(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Klawżoli inġusti fil-kuntratti konklużi mal-konsumaturi — Direttiva 93/13/KEE — Proċedura ta' eżekuzzjoni forzata ta' kreditu ipotekarju — Att notarili direttament infurzabbli — Stħarriġ ġudizzjarju tal-klawżoli inġusti — Sospensjoni tal-eżekuzzjoni forzata — Nuqqas ta' kompetenza tal-qorti adita bit-talba għal eżekuzzjoni forzata — Protezzjoni tal-konsumatur — Prinċipju ta' effettività — Interpretazzjoni konformi)*

(2019/C 280/09)

Lingwa tal-kawża: is-Sloven

### Qorti tar-rinviju

Višje sodišče v Mariboru

### Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Aleš Kuhar, Jožef Kuhar

Konvenut: Addiko Bank d.d.

### Dispożittiv

Id-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur, għandha tiġi interpretata, fid-dawl tal-prinċipju ta' effettività, fis-sens li tipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, skont liema l-qorti nazzjonali adita b'talba għal eżekuzzjoni forzata ta' kuntratt ta' kreditu ipotekarju, konkluż bejn bejjiegħ jew fornitur u konsumatur fil-forma ta' att notarili direttament infurzabbli, ma għandhiex, jew fuq talba tal-konsumatur, jew ex officio, il-possibbiltà li teżamina jekk il-klawżoli inklużi f'tali att għandhomx natura inġusta, fis-sens ta' din id-direttiva, u, fuq din il-bażi, li tissospendi l-eżekuzzjoni forzata mitluba

---

(<sup>1</sup>) ĠU C 294, 20.8.2018.